**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — HUP Uslugi Polska sp. z o.o., (li qabel kienet HP Temporärpersonalgesellschaft mbH) vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Manpower Inc.**

**(Kawża C-520/08)** [1]

***(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Artikolu 7(1)(b) sa (d) u (g) — Trade mark verbali Komunitarja I.T.@MANPOWER)***

(2010/C 11/18)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* HUP Uslugi Polska sp. z o.o., (li qabel kienet HP Temporärpersonalgesellschaft mbH) (rappreżentant: M. Ciresa, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent), Manpower Inc. (rappreżentanti: V. Marsland, Solicitor, A. Bryson, Barrister)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Settembru 2008, HUP Uslugi Polska vs UASI — Manpower (I.T.@MANPOWER) (T-248/05), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors għal annullament ippreżentat kontra d-Deċiżjoni R 124/2004-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-5 ta' April 2005, li ċaħdet l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark verbali Komunitarja "I.T.@MANPOWER" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35, 38, 41 u 42 — Trade mark li mhijiex ta' natura deskrittiva

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *HUP Uslugi Polska sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 55, 07.03.2009

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 2009 — Agrar-Invest-Tatschl GmbH vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-552/08 P)** [1]

***(Appell — Kodiċi Doganali — Artikolu 220(2)(b) — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Nuqqas ta' dħul fil-kontijiet a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Avviż għall-importaturi — Bona fede)***

(2010/C 11/19)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Agrar-Invest-Tatschl GmbH (rappreżentant: O. Wenzlaff, Rechtsanwalt)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Schønberg, aġent, B. Wägenbaur, Rechtsanwalt)

### Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla), tat-8 ta' Ottubru 2008, Agrar-Invest-Tatschl vs Il-Kummissjoni (T-51/07), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 5789 finali, tal-4 ta' Diċembru 2006, li tiddeċiedi favur l-irkupru *a posteriori* ta' parti mid-dazji fuq l-importazzjoni dovuti mill-appellanti għall-importazzjoni ta' zokkor li ġej mill-Kroazja — Esklużjoni tal-*bona fede* tal-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa f'każ ta' pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' avviż lill-importaturi — Evalwazzjoni żbaljata tar-rilevanza li għandha l-konferma *a posteriori* tal-awtentiċità u tal-eżattezza taċ-ċertifikati ta' oriġini mill-amministrazzjoni doganali tal-Istat ta' esportazzjoni fuq il-kriterju tal-*bona fede*

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Agrar-Invest-Tatschl GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 55, 07.03.2009.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof te Amsterdam (L-Olanda) fid-29 ta' Lulju 2009 — Il-prosekuzzjoni vs X**

**(Kawża C-297/07)**

(2010/C 11/20)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Gerechtshof te Amsterdam (Il-Pajjiżi l-Baxxi).